


# Il-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Floriana (ta' Sarria)

Il-qima li tgawdi Sidtna Marija fil-gżejjer Maltin narawh rifless fl-ammont ta' knejjes u kappelli li huma ddedikati għaliha, imqassma b'titli differenti. M'hemmx dubju li t-titlu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni huwa ukoll meqjum fi knejjes u kappelli madwar il-Gżejjer Maltin. Fost il-knejjes li nsibu ddedikati lill-Kunċizzjoni, nsibu knisja fil-Floriana, li hi magħrufa aktar bħala l-Knisja ta' Sarria. Din il-knisja hi aktar magħrufa bħala ta' Sarria għaliex inbniet bi flus il-Kavallier Fra Martin de Sarria Navarro, lura fis-sena 1585.

Waqt il-pesta tas-sena 1675, l-Ordni tal-Kavallieri, taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru Cotoner, għamlu wegħda li jekk Malta teħles minn din il-marda qattiela, jibdnu knisja barra s-swar u jiddedikawa lill-Immakulata Kunċizzjoni, li tagħha Cotoner kien devot. Wegħda oħra li kienu għamlu kienet tgħid li fit-8 ta' Diċembru ta' kull sena (jum il-Kunċizzjoni) kellhom jersqu lejn is-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin. It-tielet wegħda li ghamlu bit-tama li jeħilsu mill-pesta kienet li fil-festa tal-Kunċizzjoni tibda ssir purċissjoni solenni mill-knisja Konventwali ta' San Ġwann għal din il-knisja li kellha tinbena bħala ringrazzjament. Din il-purċissjoni baqgħet issir sas-sena 1995.

Wara li ntemmet l-epidemija tal-pesta, fis-sena 1677, l-Ordni ta' San Ġwann beda jwettaq il-wegħdi li kien għamel. Beda minnufih il-bini tal-knisja li hemm illum fuq disinn ta' l-arkitett Mattia Preti, għalkemm fl-imgħoddi kien jingħad li din il-knisja kienet xogħol Lorenzo Gafa. Dan sar minflok il-kappella li kien bena Sarria.

Il-knisja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni hija mibnija tonda. Għandha artal wieħed u fiha nsibu tlett qniepen. Żewg pitturi li nsibu merfugħa fis-sagristija ta' din il-knisja huma taż-żewġ protogonisti fil-bini tagħha. L-ewwel wieħed huwa tal-Kavallier de Sarria li kien il-moħħ għal bini ta' post sagru f'din l-akwata, filwaqt li t-tieni wieħed huwa tal-Gran Mastru Cotoner li bi ħsiebu u fi żmienu inbniet din il-knisja.

Il-pittur minn Calabria, Mattia Preti, għamel it-titular ta' din il-knisja. Minbarra it-titular, Preti pitter ukoll diversi pitturi ohra f'dan il-post. Fost dawn insibu l-għoti ta' l-Abitu lir-Reliġjon Ġerosolimitan u r-rebħa tar-Reliġjon Nisranija fuq it-Torok. Insibu ukoll pitturi taż-żewġ Qaddisin magħrufa bħala li għenu bl-interċessjoni tagħhom fil-fejqan tal-Pajjiż mill-pesta, San Bastjan u Santu Rokku.

Il-pittur Sqalli, Antonio Riccio, ukoll ħalla l-marka tiegħu f'din il-knisja . Dan il-pittur għamel il-kwadru li jinsab fis-sagristija li juri lil Marija Verġni Mqaddsa flimkien ma' San Ġwann u San Luqa. Jingħad li dan il-kwadru kien jinsab anke fil-kappella li kien bena de Sarria.

Minbarra l-pitturi sbieħ li hemm, din il-knisja fiha ukoll xogħol artistiku ieħor, għaliex fiha wieħed jista' jara diversi statwi li jirrapreżentaw Qaddisin differenti, fosthom San Ġużepp, id-Duluri kif ukoll statwa tal-Qalb ta' Ġesu'.

Kien hemm min kellu x-xewqa li din il-knisja issir Parroċċa, l-aktar hekk kif il-popolazzjoni tal-Floriana kienet qed tiżdied. Filfatt fis-sena 1724, il-Gran Mastru marbut mal-Floriana, Vilhena għamel rikors lill-Papa sabiex din il-knisja titwaqqaf bħala Parroċċa. Vilhena ried li din il-Parrocca l-ġdida ma tkunx suġġetta għall-Isqof ta' Malta. Iżda huwa sab oppożizzjoni mill-Isqof Gori Mancini. Minflok Mancini xtaq li tinbena knisja oħra biex isservi bħala Parroċċa u fl-1733 l-Isqof Alpheran de Bussan qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja ta' San Publiju. Ix-xewqa ta' Vilhena biex din il-knisja sservi bħala Parroċċa inqatgħet aktar tard maż-żmien. Dan għaliex wara li l-knisja ta' San Publiju sofriet ħsara matul it-tieni gwerra dinjija, din il-knisja serviet bħala Parroċċa bejn April 1942 sa Diċembru 1944.

Anke din il-knisja sofriet danni fi żmien it-tieni gwerra dinjija. Għalkemm il-ħsara ma saritx b'mod dirett, il-bombi li niżlu ħdejn din il-knisja ikkawżaw ċaqliq fl-istruttura. Għalhekk fil-bidu ta' dan is-seklu, sar restawr f'din il-knisja iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Dan ix-xogħol ta' restawr sar mill-ħaddiema tal-gvern. Matul ir-restawr sar studju fuq il-ġebla, u nstab li din il-knisja kienet mibnija b'ġebla inferjuri. Dan kien qed iwassal għal tmermir tal-ġebla. Waqt ir-restawr sar xogħol ukoll ta' konsolidament. Ir-restawraturi neħħew ukoll skorċa sewda li iffurmat mal-faccata ta' din il-knisja, b'dan ix-xogħol sar kollu b'mod manwali. Minħabba li t-triq fejn tinsab din il-knisja hija waħda traffikuza ħafna, l-effetti ta' dħaħen ukoll ħallew effett ħazin fuq il-ġebla u għalhekk kellhom jinbidlu xi ġebel. Il-bdil tal-ġebla kien imnaqqas għalkemm kien possibli teknikament.

Kuljum f'din il-Knisja issir iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Minbarra minn hekk, nhar ta' Ħadd isiru tlett quddisiet, fosthom waħda bil-lingwa Ingliża u bil-quddiesa tas-Sibt filgħaxija tkun iddedikata għaż-żgħażagħ.